TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 292/13-F

**Joseph u Maryanne Tonna**
**vs**
**Orange Travel Group Ltd.**

Illum ' t'April, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-19 ta' Diċembru, 2013 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' ħamsa u sittin ewro, u ħamsa w għoxrin ċenteżmu (€65.25), u ħames mitt ewro (€500) bħala danni morali, rappreżentanti l-problemi li sabu biex għamlu l-*connection flight*.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu ibbukjaw titjira lejn il-Greċja *via* Istanbul, pero' meta waslu Istanbul indunaw illi fit-titjira bejn Greċja u Istanbul ma kinux ibbukjati mal-grupp. Illi kellhom battikata sabiex isibu l-bagalji tagħhom, u li minn hawn u minn hemm qabdu t-titjira lejn il-Greċja mal-grupp kollu.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi kien hemm żball, pero' ż-żball ġie rranġat u kienu lesti li jirrifondu (€65) għall-ispejjeż tal-*mobile calls*.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi vera kellhom battikata u mhux ġust illi tibda l-vaganza b'dan l-inkwiet.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas is-somma ta' ħamsa u sittin ewro (€65), u kif ukoll mitt ewro (€100) bħala danni morali, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888